MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 690/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**EMANUEL GRIXTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Emanuel Grixti ID 455765(M) bin John Grixti u Lorenza nee’ Barbara mwieled Pieta’ fl-20/09/1965 u residenti gewwa No. 208, Shdoth, Triq il-Kbira, Hal-Qormi.

Billi gie akkuzat talli fis-27 ta’ Gunju, 2008 u fit-28 ta’ Gunju, 2008 bejn it-08.00pm u s-01.00am gewwa l-MLP Club, Triq San Bartolomew, Hal-Qormi zamm fl-imsemmi fond jew kellu pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar minghajr il-licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok SZ3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta

Issib lill-imputat Emanuel Grixti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Emanuel Grixti ghall-piena ta’ disa’ (9) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Emanuel Grixti jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Grixti l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------